MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 75/2002

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Philip Farrugia, iben Ġorġ,
imwieled Pieta' fid-19 ta'
marzu, 1972
u
Martin Spiteri, iben Joseph,
imwieled iż-Żejtun fit-8 ta'
awissu, 1954

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputati talli bejn l-1 ta' jannar, 1999 u il-31 ta' diċembru, 2000 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni

waħda, li fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjeta' 'Goliath Developments Limited', approprjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna oħra, is-somma ta' Lm9,178.57 miġbura mis-soċjeta' bħal dħul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jew minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn ir-rappresentant tad-Dipartiment tal-VAT informa l-Qorti li l-imputati kienu ħallsu dak kollu dovut u li d-dipartiment ma kellhux aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 18, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------